

**Il-Ħames Ħadd tar-Randan**
Il-Ħadd 26 ta' Marzu 2023

# Aħbar Tajba

Eżek 37, 12-14
Salm 129 (130), 1-2.3-4ab.4ċ-6.7-8
Rum 8, 8-11
Ġw 11, 1-45

"Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min **jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix."**

Naħseb ħafna minnkom smajtu bil-ktieb 'The Jungle Book'. Jekk ma qrajtux l-istejjer żgur li ltqajtu ma' xi verżjoni oħra bħal f'xi film jew inkella cartoons. Fi ftit kliem jirrakkonta kif wara diżgrazzja li tħalli lil Mowgli orfni, grupp ta' annimali differenti jibdew jieħdu ħsieb liċ-ċkejkna tarbija. Bis-saħħa tal-għajnuna tal-annimali, Mowgli jikber f'tifel b'saħħtu u kapaċi jgħix fil-Ġungla.

Ħin minnhom Mowgli jagħmel ħbieb ma' grupp ta' avultuni li jkantaw: "*We're your friends... We're your friends to the bitter end.*

*When you're alone*
*who comes around*
*to pluck you up?*
*When you are down*
*and when you're outside, looking in*
*who's there to open the door?*
*That's what friends are for!*

L-Evanġelju tal-lum ilaqqagħna ma' dawn it-tipi ta' ħbieb. Lazzru kien wieħed mill-ħbieb il-kbar ta' Ġesù, imma meta Lazzru jimrad, Ġesù ma jitlaqx minnufih biex jarah imma jistenna ftit jiem qabel imur jarah. Fil-fatt meta fl-aħħar wasal Ġesù, Lazzru kien laħaq miet! Tgħiduli: "Hekka ħabib kbir ukoll!"

Iżda jekk inkomplu nisimgħu s-silta nindunaw kemm kienu ħbieb kbar. Ġesù jiddispjaċih ħafna għall-mewt ta' Lazzru u fil-fatt l-Evanġelista jinnotalna li beka x'ħin wasal ħdejn il-qabar. U hawn l-istorja tinbidel mil-lejl għan-nhar għax Ġesù jitlob lin-nies biex jiftħu l-qabar. Ipprova immaġina xi bdew jgħidu n-nies għal dan il-kmand ta' Ġesù. Hekk kif fetħu l-qabar, Ġesù għajjat: "Lazzru, oħroġ!" U minnufih Lazzru reġa' ħa l-ħajja u ħareġ.

Dak ħabib! Iżda ma rridux ninsew x'inhu l-messaġġ tal-Evanġelju. Dan l-istess ħabib li lil Lazzru reġa' tah il-ħajja, huwa ħabib tagħna wkoll! Fl-aħħar mill-aħħar il-messaġġ ċentrali tat-Testment il-Ġdid hu kollu li Ġesù jrid ikun ħabib tagħna, jixtieq jgħinna u jkun magħna kemm fil-mumenti sbieħ imma anke f'dawk diffiċli.

U għalkemm kultant jista' jkun li jiġu mumenti li ma nifhmuhx, hu se jkun hemm għalina. Kultant inkunu nixtiequ li jagħmel xi ħaġa għalina u nitolbu kemm nitolbu qisu ma nirċivuhiex. Imma ma rridux naqtgħu qalbna mill-ħbiberija tagħna għax hu jaf x'inhu tal-akbar ġid għalina. Bħalma fl-istorja ta' Lazzru ma fhimniex għaliex ma marx minnufih għand Lazzru, hekk ukoll jiġrilna aħna, u bħal Lazzru meta nindunaw kif se jgħinna se naraw x'ħabib vera għandna f'Ġesù.

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
ĠESÙ, BETANJA, MARID, MEWT, MARTA, MARIJA, BEKA, QABAR, BLATA, FAXEX, EMMNU

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | A | Z | Z | B | I | S | T | A | GĦ |
| A | Ħ | F | Ġ | E | S | Ù | U | B | Ġ |
| Z | B | A | L | T | B | L | A | T | A |
| M | A | X | M | A | R | I | D | O | Ċ |
| A | R | E | E | N | A | P | P | O | S |
| R | Q | X | W | J | T | L | I | B | R |
| T | A | E | T | A | B | L | A | E | E |
| A | B | M | O | L | B | A | T | K | M |
| F | A | X | M | A | R | I | J | A | M |
| A | R | B | E | Z | GĦ | A | J | I | N |
| L | A | Z | S | Z | I | N | D | R | U |
| X | M | U | N | R | Ġ | A | K | B | U |
| P | IE | T | R | U | Ġ | W | A | N | N |

"Jien hu l-qawmien u l-ħajja.
Kull min jemmen fija,
**ukoll jekk imut, jgħix."**



## Ikollok ħniena

Inti ġieli ltqajt ma' nies fil-bżonn? Dawk li huma fl-artijiet tal-missjoni narawhom, jgħidulna bihom. Spiss nibagħtulhom flus, ikel u ħwejjeġ. Imma f'pajjiżna inti taf hux kulħadd moqdi sew? Għallinqas fil-bżonnijiet ta' kuljum? Aktarx mhux ħa jgħidulek li huma fil-bżonn imma inti trid tinduna. Inti trid tersaq u tara x' hemm bżonn fil-parroċċa tiegħek. Jekk trid tgħin, hemm fejn... staqsi lill-Kappillan... lis-saċerdoti... lis-sorijiet... lis-soċji tal-MUSEUM.

Tista' tara lil min jiġi minnek ukoll. Min jeħtieġ ftit minn ħinek. Min mhux ilaħħaq bil-paga. Min kiber u ma jiflaħx jaħdem. Forsi mhux qed isservih il-pensjoni. Forsi fejn hemm il-mard u l-inkwiet.

Jekk għandek business, jew int professjonist... inti ġust fil-prezzijiet u l-ħlasijiet li titlob mingħand in-nies tas-servizz li tagħti? Qed titlob ħafna? Fuq kollox tiddikjara li taqla' jew qed tisraq flus ta' ħaddieħor? J'Alla flusek huma tiegħek!

Alla jitlobna nuru ħniena. Irid li jkollna kuxjenza soċjali. Iridna ngħinu lil fqar u l-batuti. Iridna nibżgħu għall-ġid u l-propjetà ta' ħaddieħor. Iridna nibżgħu għal dak li hu ta' kulħadd... il-ġid komuni. Ftakar fi kliem Ġesu stess: "Imberkin dawk li jħennu, għax ikollhom min iħenn għalihom." (Mt 5, 7)



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





# AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

## AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola


mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION